TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru.312

KAZ NRU: 416

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol
bejn
Otilia Borg
u
Stadtex Clothing Industries Ltd.
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data: 11 ta' Awissu, 1988

CHAIRMAN: Is-Sur Anthony Farrugia L.P.

## 1. INTRODUZZJONI

B'ittra ta' l-20 ta' Ottubru 1986, il-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali ta' dak iż-żmien, irrefera dan il-kaz lil dan it-Tribunal skond is-sub artikolu (2) ta' l-artikolu 28 ta' l-Att ta' l-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Att Nru. XXX ta' l-1976).

It-Tribunal zamm sitt (6) seduti qabel ma wasal biex jghati din id-deciżjoni.

Ghall-appellanta deher is-Sur Norman Rossignaud filwaqt li ghall-Kumpannija dehru s-Sinjuri Joseph Ellul u Marcel Ellul, Managing Director u Manager rispettivament, assistiti mis-Sur Alfred Fabri, B.A. (Hons) Econ D.B.A.

## 2. STATEMENTS OF CASE

Is-Sur Rossignaud, ghall-appellanta ssottometta illi

(i) L-istess appellanta kienet bdiet tahdem mal-Kumpannija Stadtex Clothing Industries Ltd fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar 1986 u l-impjieg tagħha kien terminat fit-tmienja (8) ta' Lulju 1986, meta tkeċċiet wara telefonata mill-Prinċipal lill-familjari tagħha, fejn il-Kumpanija allegat li kienet qed "tittermina l-impjieg minħabba raġunijiet ta' saħħa";

(ii) L-istess appellanta mill-bidu nett irrezistiet din it-teżi tal-Prinċipal u fit-tmienja (8) ta' Awissu 1986 talbet lill-Ministru tax-Xogħol ta' dak iż-żmien biex jirreferi l-kaz tagħha quddiem it-Tribunal Industrijali minħabba li ħasset li "tkeċċiet ingustament minn fuq ix-xogħol";

(iii) It-Tribunal, diversament presedut, appunta l-Kaz għas-smiegħ fit-tmienja (8) ta' April 1987 iżda din is-seduta ma kenitx inzammet għax saru attentati ta' konċiljazzjoni fl-Ufficju tad-Direttur tax-Xogħol; Fil-laqgħat li nżammu pero ma ntlaħaqx ftehim accettabbli għall-partijiet;

(iv) Meta dahlet tahdem ma' l-imsemmi Prinċipal, l-istess appellanta kienet aċċettat li għall-ewwel tlett (3) xhur tkun taht "probation" u dan iż-żmien għalaq fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Mejju 1986;

(v) Matul iż-żmien li għamlet fl-impjieg ma' l-istess kumpanija l-appellanta kienet tahdem bħala

.../3

"single machine operator" u dejjem ghamlet ix-xoghol taghha tajjeb, tant li qatt ma rċeviet xi warning ta' xi xorta;

(vi) Wara xi żmien, pero, fil-hin ta' wara nofs in-nhar kienet qed titneħħa minn fuq il-makna tal-ħjata u tintalab taghmel xoghol ta' tindif. Xoghol li kien idejjaqha, partikolarment it-tindif tat-"toilets" ta' l-irġiel waqt il-hin tax-xoghol taghhom; fil-fatt kienet esprimiet ruħha f'dan ir-rigward mas-superjuri taghha;

(vii) Dan ix-xoghol ma tneħħilhiex lanqas meta irriżulta li l-irwejjah tat-"toilets" kienu qed jaghmlulha ħażin;

(viii) Mhux talli ma hadux ħsieb li ma taghmilx dan ix-xoghol, talli kellha tissaporti ukoll ghal diversi kummenti vojta li ta' spiss kienu jaghmlulha xi superjuri taghha; dawn dejjem injorathom u forsi kienet propju r-reazzjoni bierda ghaċ-ċajt goff li wasslet ghat-tkeċċija taghha mill-impieg fuq bażi ta' "saħħa";

(ix) L-istat in ġenerali ta' l-appellanta ma kien jipprezenta ebda ostakolu ghax-xoghol taghha, u "r-raġuni" tat-tkeċċija kienet "falza" u kienet biss "skuża" kif fil-fatt l-appellanta mill-ewwel irreagixxiet fl-imsemmija ittra taghha tat-tmienja (8) ta' Awissu 1986 kif ukoll dik tat-tletin (30) ta' Marzu 1987.

..../4

Is-Sur Joseph Ellul, għall-Kumpannija, issottometta illi:

(i) L-istess kumpannija hija fabbrika li timpjega madwar ħamsin (50) l-impjegat, il-biċċa l-kbira tagħhom "machine operators" nisa; il-fabbrika tipproduċi ħwejjeġ tan-nisa għall-esportazzjoni; l-istess Kumpannija għandha swieq tajbin u għal dawn l-aħħar snin kellha "order book" mimli tant li wieħed mill-fatturi li kien iżomm il-Kumpannija milli tikber aktar kien in-nuqqas ta' "machine operators";

(ii) L-appellanta ddaħlet taħdem mal-Kumpannija bħala "factory girl" fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar 1986 bi "probation period" ta' tlett (3) xhur;

(iii) Wara xi xhur li l-istess appellanta bdiet taħdem mal-Kumpannija kellha l-ewwel attakk ta' "asthma" waqt li kienet qegħda taħdem fuq il-makna tal-ħjata tagħha; l-attakk ma naqasx wara li ħadet l-"inhaler" u kellha tissejjaħ ambulanza; ftit taż-żmien wara xi għaxar (10) minuti wara li bdiet taħdem filgħodu, reġa' kellha attakk ieħor u reġa' ma kellux effett l-"inhaler" u reġgħet issejħet ambulanza biex teħodha il-"Casualty Department" f'St. Luke's; reġgħet kellha attakk ieħor ta' "asthma" bi u dieħla fil-fabbrika xi zmien wara u'mechanic' kellu jeħodha fil-"Casualty Department" f'St. Luke's;

(iv) L-aħħar inċident li pprecipita d-deċiżjoni tal-

kumpanija kien meta għal xi l-għaxra ta' filgħodu (10.00 a.m.) ġieħa attakk serju ta' qtugħ ta' nifs. Hija ttiehdet barra mis-"sewing area" u quddiem numru ta' impjegati, fosthom il-Managing Director bdiet tgħajjat: "Se mmut". Il-kumpanija għamlet l-għalmu tagħha biex tipprova ssib ossigenu minn fabbrika fil-viċin u fl-aħħar ġiet l-ambulanza li haditha għal kura f'St. Luke's;

(v) Il-kumpanija kellha u għad għandha bżonn ta' "sewing machine operators" u għalhekk l-istess kumpanija tagħmel kulma tista' biex iżżomm l-"operators" magħha, dan pero' mhux "a skapitu" ta' saħħet l-impjegata. Wara r-raba' inċident il-Managing Director tal-kumpanija kellem lil xi membri tal-familja ta' l-appellanta u qallhom li kien ikun aħjar għal saħħet l-istess appellanta li ma tkomplix tahdem f'fabbrika tal-ħwejjeġ;

(vi) Meta l-appellanta reġgħet daħlet għax-xogħol, hu stess kellimha u qalilha li kien ikun aħjar għaliha stess li tispiċċa mill-impieg. Waqt din il-laqgħa l-appellanta qablet li jkun aħjar għaliha;

(vii) Wara li l-kumpanija temmet l-impieg ta' l-appellanta fit-tmienja (8) ta' Lulju 1986 xi erba' xhur u nofs wara li bdiet tahdem u wara li anki thallset in-"notice money", mingħajr ma kien legalment meħtieġ, l-appellanta u membri tal-familja tagħha oġġezzjonaw. Minkejja li sar attentat bonarju bl-intervent tad-Dipartiment tax-

Xoghol, xorta wahda ma ntlahaqx ftehim.

3. <u>XHIEDA</u>

Bhala xhieda nstemghu:-

- Is-Sur Joseph Ellul - Managing Director tal-Kumpanija
- Dott. Peter Attard, M.D., - tabib tabib
- Dott. Michel Angelo Borg, M.D. - tabib
- Dott. Peter Fenech, M.D., B. Pharm, DTM, M.DPH, R.A.M.C.(retd)
- Dott. Joseph Spiteri, M.D. - tabib li xebed ghan-nom tas-Superintendent ta' l-isptar San Luqa
- Is-Sur Charles Messina - Administrative Officer fl-Isptar San Luqa
- Is-Sur Spiridione Sghendo - Production Manager tal-kumpanija fi zmien l-impieg ta' l-appellanta
- Is-Sinjorina Louise Galea - Supervisor mal-kumpanija
- Is-Sur Tony Muscat - Production Manager mal-kumpanija
- Is-Sur John Muscat - Sewing machine mechanic mal-kumpanija
- Is-Sinjura Doris Borg - omm l-appellanta
- Is-Sinjura Aida Demicoli - in-nanna ta' l-appellanta
- L-appellanta

4. <u>DOKUMENTI</u>

Ma' li "Statement of Case" il-kumpanija esibiet fotokopji ta' tlett (3) dokumenti, cioe':-

a. "Contract of Service" ta' l-appellantl li jgib id-data tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar 1986.

b. Ittra mill-kumpanija ndirizzata lill-appellanta, li ggib id-data ta' l-erbatax (14) ta' Lulju 1986 b'

"cheque tal-paga ghall-perjodu mis-sittax (16) ta' Gunju sa' l-erbghatax (14) ta' Lulju, 1986, b'konferma tat-temm ta' l-impieg taghha u b'weghda ta' hlas ta' gimgha paga bhala "avviz ta' temm ta' impieg"

c. Ittra mill-Kumpannija lis-Sur A.G. Desira ghad-Direttur tax-Xoghol, li ggib id-data tat-Tnejn (2) ta' Settembru 1986 dwar ir-ragunijiet ghat-temm ta' l-impieg ta' l-appellanta u talba ghall-ghajnuna biex il-kaz jintemm malajr u b'wicc il-gid.

Waqt is-smiegh tal-kaz gew esibiti tlett (3) dokumenti ohra cioe' :-

d. estratt mill-"Encyclopedia of Occupational Health and Safety" ta' l-'International Labour Organisation', li gie mmarkat Dok. Nru. 3.

e. certifikat mediku li jgib id-data tat-Tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju, 1986 rilaxxjat mit-tabib Dott. Peter Attard M.D. dwar l-attakk ta' "asthma" li kellha l-appellanta fl-istess data, li gie mmarkat Dok. Nru. 4,

f. certifikat mediku li jgib id-data tal-hamsa (5) ta' Awissu 1986 rilaxxjat mit-tabib Dott. M.A. Borg dwar l-istat ta' sahha ta' l-appellanta li gie mmarkat Dok. Nru. 5.

5. <u>SOTTOMISSJONIJIET FINALI</u>

Is-Sur Norman Rossignaud ghall-appellanta ssottometta: Wara hames seduti ftit li xejn kien hemm qbil bejn il-partijiet f'din il-kwistjoni izda kien hemm unanimita' dwar il-perjodu li fih kienet fl-impieg l-appellanta, li fil-

fatt hadmet mal-kumpannija mill-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar sat-tmienja (8) ta' Lulju, 1986, bl-ewwel tlett xhur bhala "probation". Minkejja li l-Principal ikkuntenda li ttermina l-impieg ta' l-appellanta kwazi kwazi ghall-gid taghha stess, wara xi attakki ta' "asthma", il-Kumpannija ma' irnexxilhiex tikkonvinci li din setghet b'xi mod twegga fuq ix-xoghol minhabba xi hass hazin, u ghaldaqstant l-impieg taghha qatt ma kellu jigi terminat hesrem ghal din ir-raguni. Certament din ma' kienitx raguni valida bizzejjed li timmerita telfien ta' l-impieg.

Il-Principal sostna ukoll li l-appellanta kellha erba' attakki ta' "asthma", izda l-kumpannija l-anqas ma' irnexxielha tikkonvinci li dawn kienu verament erbgha, tant lid-dati baqghu ma' gewx pruvati. Mill-banda l-ohra fuq kollox rajna ukoll li minkejja li ssejhet l-ambulanza, l-attakki kienu hfiof (23.6.88 p.13).

Skond li "Statement of Case" tal-Kumpannija, pagna 2 versi 1 u 2:-

".... kien ikun ahjar ghal sahhet it-tifla taghhom li ma' tkomplix tahdem f'fabbrika tal-hwejjeg".

Fis-sustanza hekk ukoll xehed is-sur Joe Ellul, sid il-Kumpannija. Omm l-appellanta, Doris Borg u n-nanna ta' l-appellanta, Aida Demicoli, it-tnejn xehdu li dan kien qalilhom :-

".... keccejtlek it-tifla ghax marida" (23.6.88 p.7)
".... kecceJtha ghax marida ........." (23.6.88 p.9)

Fil-fatt m'hemm ebda dubju li dan huwa kaz ta' tkeccija ghal-kuntrarju tal-impressjoni li pprova jhalli l-Principal. Kieku verament kien jibza ghall-appellanta

daqs kemm qal, bil-konnessjonijiet tajba ta' Sid ta' Kumpannija li "għandha swieq tajbin" u li "għal dawn l-aħħar snin kellha "orderbook" mimli" kien jipprova jsibilha mpieg alternattiv adekwat fis-settur tal-manifattura tat-tessuti.

Din ma' kienetx tkun xi ħaġa diffiċli, aktar u aktar meta kif ġie ppruvat, l-appellanta, fl-impieg li kellha qabel dak mal-Kumpannija, li kien ġo fabbrika li timmanifattura l-"jeans", damet tandem ħames snin. Il-kumpanija pproduċiet xhieda biex tipprova biss li kellha erba' attakki, izda jekk verament kienux daqshekk jew le ma ġiex pruvat għax id-dati qatt ma ġew preċizati. Fil-fehma ta' l-appellanta d-dati kienu assolutament meħtieġa biex l-allegazzjoni tal-Prinċipal setgħet tkun stabilita bħala fatt.

Kieku għall-grazzja ta' l-argument wieħed kellu joqgħod fuq dak li qalet il-kumpanija, li għalkemm ma ġewx pruvati, l-okkazjonijiet kienu verament erba', u ma ġiex lanqas ippruvat li l-appellanta falliet mix-xogħol aktar minn hekk, dan ifisser li fil-perjodu ta' erba xhur u nofs li ħadmet mal-kumpanija, l-appellanta falliet xi sieghat ta' xogħol fuq medja ta' darba kull kważi ħames ġimgħat. Din ir-rata zgur ma tista' tkun qatt kunsidrata bħala xi waħda eċċessiva, tant, li huwa fatt stabbilit u accettat li t-tfajliet normalment ifallu mix-xogħol ġurnata fix-xahar.

Qabel il-ħames seduta l-kumpanija għaddiet lis-Segretarju tat-Tribunal tlett dati li skond ir-"records" tal-kumpanija fihom kienet falliet mix-xogħol l-appellanta, biex

ir-rapprezentant tas-Suprintendent ta' l-Isptar San Luqa, li kien ser jitla' jixhed, ikun jista' jivverifika mal-"files" u r-registri taghhom jekk verament l-appellanta iddahlitx hemm f'dawn id-dati. Rigward l-ahhar wahda biss minn dawn it-tlett dati (22.05.1986) ma' kienx hemm dubju dwarha, u dan ghax kien gie esibit certifikat mahrug dak in-nhar. Filfatt fir-rigward tat-tnejn l-ohra l-Isptar ma nstaghbet ebda traccja.

Skond il-kumpanija d-dati li fihom huwa allegat li l-appellanta sofriet minn attakk u haduha l-Isptar kienu:- 02.03.1986, 07.04.1986, 22.05.1986, 08.07.1986. Dr. Joseph Spiteri f'isem s-Suprintendent ta' l-Isptar xehed:-

> "Jiena minn dawn, zewg dati dik tas-7 ta' April u tat-2 ta' Marzu, m'ghandiex casualty records li ddahlet l-Isptar. Dwar it-tielet data, "dik tat-22 ta' Mejju ghandna 'casualty card', jigifieri ddahlet u giet irregistrata l-Isptar", pero' l-"casualty card" ma nstabitx. (23.06.88 , P. 1)

Dr Spiteri xehed ukoll:-

> "......mill-kotba tal-"Casualty", hawn ikun hemm in-nies kollha li ddahlu matul il-gurnata, matul il-lejl il-hinijiet kollha"(23.06.88 p. 2)

Fil-kontro-ezami Dr. Spiteri eskluda kull possibilta' li tista' tiddahhal persuna fil-"Casualty" ta' l-Isptar u ma tkunx tidher fil-"cards" jew fir-registru, anki jekk tkun "discharged at request" (23.06.88 pp 5 u 6). Minn dan kollu jirrizulta ghalhekk li m'hemmx prova li fl-ewwel zewg dati prodotti mill-kumpanija l-appelanta kienet iddahlet

l-Isptar u skond ix-xhieda ta' Dr. Spiteri, li zgur ma ghandu ebda interess fil-kaz mhux possibbli li ddahlet u m'hemmx record taghha. Fir-rigward taz-zewg dati l-ohra kien hemm qbil li l-appellanta kienet ma tiflahx u ttiendet l-Isptar. Harsa lejn l-ewwel tlett dati msemmija wiehed jinduna li dawn kienu matul it-tlett xhur tal-"probation" u milli jidher ma tawx fastidju lill-management ghax dan m'estendiex il-"probation", anzi ikkonferma lill-appellanta fl-impieg. Mela allura x'inqala f'daqqa wahda biex meta rega' kellha attakk fit-8 ta' Lulju 1986, din id-darba wara kwazi sitt gimghat u nofs minn ta' qablu, il-Principal ittermina l-impieg? Zgur li m'ghamlitx hekk minhabba xi kondotta hazina, ghax ma giex ippruvat li l-appellanta qatt kellha xi "warnings", la verbali u lanqas bil-miktub kemm damet fl-impieg mal-kumpanija. Fl-istatement of case gie sottomess li t-tkeccija ta' l-appellanta saret ghal xi raguni diversa minn dik imsemmija, izda din ir-raguni, jekk qatt ezistiet, baqghet ma hargitx. Dan allura jfisser illi jkollha tigi accettata r-raguni tal-kumpanija, izda huwa evidenti li din ghaggle ferm biex itterminat l-impieg. Kienet tkun ferm aktar kredibbli l-kumpanija li lill-appellanta ttaqulha l-gid kieku saru xi konsultazzjonijiet mad-Dipartiment tax-Xoghol u xi indagini mat-tobba koncernati dwar il-kondizzjoni taghha bil-ghan li ma tispiccax bla xoghol. Possibbli sabha xi haga hekk difficli din aktar milli jwaqqfilha l-impieg?

Min-naha taghha l-kumpanija ssottomettiet:-

Hareg car mix-xhieda li l-kumpanija uriet u aggixxiet b'mod l-aktar prudenti u b'attenzjoni f'dan il-kaz.

..../12

Il-konsiderazzjoni ewlenija f'dan il-kaz kienet is-sahha ta' l-impjegata. Huwa fatt li fl-industrija tal-manifattura tal-hwejjeg bhalma hi l-kumpanija jigi prodott certu ammont ta' "fluff", "dust" li jinholoq meta l-labar tal-makni tal-hjata jippenetraw id-drapp. L-ammont ta' trab fl-atmosfera jiddependi mill-kwantita' ta' makni u l-koncentrazzjoni ta' dawn l-makni go post maghluq bhalma hija fabbrika ~~tal-~~ hwejjeg. Dan il-fatt (exposure to dust) huwa msemmi fis-sezzjoni ta' l-"Encyclopedia of Occupational Health and Safety" ta' l-I.L.O. li giet esebita. Dan il-fatt gie ukoll rafforzat waqt is-smiegh tat-Tribunal b'riferenza ghall-artiklu fil-pubblikazzjoni "Chest" mahrug mill-American College of Chest Physicians f'Lulju 1982. Dan l-artikolu jistqarr li:-

> "....the earlier the diagnosis was made and the earlier the patient was removed from exposure, the higher was the chance of complete recovery".

Fix-xhieda tieghu t-Tabib Peter Fenech (12.5.88 pp 1-2) stqarr li l-atmosfera bit-trab iggib aktar incidenza ta' "asthma". It-tabib M.A. Borg ammetta li l-atmosfera fejn hemm trab tista' tohloq attakk ta' "asthma" (12.5.88 p.15) L-istess qal Dr. Peter Attard fix-xhieda tieghu (19.5.88. p.44) Fuq ir-relazzjoni ta' kawza u effett ta'atmosfera ta' trab u attakki ta' "asthma" ghalhekk ma' hemm l-ebda dubju kif gie ippruvat mill-pubblikazzjonijiet u mix-xhieda tat-tobba kollha li dehru quddiem it-Tribunal.

Il-kumpanija minhabba li ma kellha l-ebda mezz li tkun taf li l-appellanta kienet tbati mill-kondizzjoni taghha ghaliex hi qatt ma semmietha, malli irrealizzat x'kien qieghed

jigri u meta l-qagħda bdiet tagħrava ruħha ħadet il-passi neċessarji b'sens ta' responsabbilta' fl-aħjar interess ta' l-impjegata.

Mix-xhieda tagħha għall-ewwel l-appellanta ċaħdet li kellha il-kundizzjoni u semmiet affarijiet oħra bħala "laħam ħazin" "influenza", "qtugħ ta' laħam ħazin" (7.4.88 pp22u 24). Jista' jkun li dawn huma "euphemisms" għar-raġunijiet li semma t-tabib Peter Attard. Fix-xhieda tiegħu semma' li għal din il-kundizzjoni tezisti "social taboo" (19.5.88 p.7). Dan qabel miegħu t-tabib Peter Fenech fis-sens li preġudizzju ta' dan it-tip għadu jezisti (12.5.88 p.1) Pero' ħareġ mix-xhieda ta' Louise Galea (26.5.88. p.7) li f'waħda mill-okkazjonijiet meta ttieħdet l-isptar l-appellanta qaltilha:-

> "....!jien din mhux l-ewwel darba, jiena ġieli jiġrili! Hemm qaltli mbagħad meta jeħduha l-Isptar, jagħtuha l-ossiġenu, imbagħad "inkun allright" Vuol dire ommha kienet taf illi skond kif qaltli hi minn x'hiex kienet tbati".

Din ix-xhieda importanti ma ġietx rikuttuta.

Wara għadda għall-fatti.

L-appellanta fix-xhieda tagħha għall-ewwel qalet li ma tiftakarx li ttieħdet l-Isptar (7.4.88 p.22). Wara li semgħet ix-xhieda kollha biddlet il-verzjoni tagħha u ammettiet li kienu ħaduha l-Isptar (28.6.88 p.13). Il-Kumpannija tħoss b'konvinzjoni li esponit li kien hemm erba' inċidenti separati fejn l-appellanta kellha tittieħed

l-isptar minhabba attakki:-

Incident Nru 1 :

Louise Galea (25.5.88) fix-xhieda taghha spjegat kif marret maghha l-Isptar. Ra meta kellha l-attakk fil fabbrika Tony Muscat (19.5.88 p.13). Jiftakar dan l-incident Dione Sghendo (12.5.88). F'dan l-incident meta marret maghha l-isptar lil Louise Galea xi hadd mill-isptar qalilha kellha attakk ta' "asthma" (...). (26.5.88 p.1)

Incident Nru 2 :

Dan gara ftit tal-hin wara l-bidu tax-xoghol. Louise Galea ippruvat tghinha billi ittieha fuq darha. Louise Galea hawnhekk ukoll marret maghha l-Isptar bl-ambulanza (26.5.88). TonyMuscat fix-xhieda tieghu semmieha wkoll (26.5.88 p.13)

Incident Nru 3 :

Dan gara ftit qabel ma'dahlet il-fabbrika u John Muscat stqarr li hadha l-Isptar fil-karozza tieghu ma' zewg tfajliet ohra (19.5.88 p.21). Wahda minn dawn it-tfajliet kienet Louise Galea (26.5.88 ).

Incident Nru 4 :

Gara filghodu u kien hemm fuq il-post is-Sur Joe Ellul (7.4.88 p.5), Tony Muscat kien prezenti (19.5.88 p.13), John Muscat mar ifittex l-ossigenu (19.5.88 p.21) u Louise Galea kienet qeghda tassistiha waqt l-attakk sakemm giet l-ambulanza (26.5.88 p.5)

gie deskritt minn diversi xhieda kif kien il-post tax-xoghol:-
Sala kbira b'madwar hamsin tfajla. Kull meta kien jaghtiha attakk kif iddeskrivih Dione Seghendo:

> "....kien jinholoq "chaos" fil-"production area"
> (12.5.88 p.28)

Fix-xhieda ta' Louise Galea li kienet l-aktar wahda qrib taghha waqt dawn l-attakki, ghandna deskrizzjoni ta' x'kien jigri:-

> "Bezzaghtni - l-appellanta kienet tibda tghajjat, [illegible] tintelaq u minnabba l-persuna taghha ta' bil-fors li xi hadd iehor jrid jzommha biex ma tahbatx rasha u tkorri:
>
> > '....mhix persuna zghira, ma tistax toqghod bil-qeghda, taghti u thabbat, skuzi trid taqla', trid izzommha, trid ma thallihix taqa'".
> > (26.5.88 p.9)

Fix-xhieda tieghu John Muscat iddeskriva kif kienet tigi megħjuna biex tidhol fil-"Casualty Department" ghaliex ma setghetx timxi. (15.5.88 p.[illegible])

Rigward ix-xhieda ta' omm l-appellanta:- semmiet il-frazi "keċċejtlek it-tifla ghaliex marida" tlett darbiet. In-nanna ta' l-appellanta semmiet "tghajjrilna marida" hames darbiet u "tifla bhal dik" erba' darbiet. Il-Kumpannija thoss li dan jesprimi l-ansjeta' ta' kull omm iktar qrib u ta' min ihoss. Ma' dan il-kumpannija ghandha kull simpatija. Imma l-fatti kif gie spjegat aktar qabel, ma jista' jiċħadhom hadd: l-ebda reazzjoni emozzjonali

ma tista' tibdel dak li hemm.

Punt stramb iehor li nareġ mix-xhieda ta' l-appel anta jirrelata għall-fatt li hi ma marritx tirreġistra biex tiehu l-"Unemployment Benefit" li kieku kienet tkun intitolata għalih. Mistoqsija dwar dan tat risposta vaga ta' xhix qalilha l-avukat tagħha (7.4.88 p. 26). Sarget ukoll ċahda kategorika min-naha ta' Tony Muscat li l-allegazzjoni li kienet għamlet li kien joqgħod jinkiha (19.5.88 p.15). Kien hemm ukoll ċahda minn Dione Sghendo li offrilha li jsibilha post iehor (12.5.88. p.12). Tony Muscat bil-ġurament ukoll ċahad li kien iqabbadha tahsel it-"toilets", bhalma allegat l-appellanta (19.5.88 p.17). John Muscat ukoll bil-ġurament qal li qatt ma ra lill-appellanta tahsel it-"toilets" (19.5.88. p.23). Louise Galea ukoll bil-ġurament ma ftakritx li qatt rat lill-appellanta tahsel x'imkiem (26.5.88 p.11). L-appellanta kienet taf bizzejjed fuq il-kundizzjoni tagħha u mhux koncepibbli li ma kenitx taf x'riskju kienet qed tiehu meta marret tahdem go fabbrika ta' dak it-tip.

Bhalma gie sottomess certu postijiet ta' xogħol m'humiex adattati għall-appellanta - imma fl-ebda mument xi hadd jista' jagħti l-icken torti lill-kumpannija. Għalkemm l-appellanta setgħet kienet preparata tiehu dak li huwa deskritt fil-liġi bhala "inherent risk" il-kumpannija ma rieditx taccetah.

L-"asthma" hija kundizzjoni fejn ikollok ".... an increased responsiveness of the tracho-bronchial tree due to a wide range of stimuli".

It-trab fil-fabbrika tal-hwejjeg huwa u jibqa' wiehed minnhom ghal min,sfortumatament, isofri minn din il-kundizzjoni.

Irrizulta mix-xhieda, il-kumpannija dejjem agixxiet skond dak li titlob il-ligi taghna:- "the deligence, prudence and attention of a ' bonus paterfamilias '" u nehhewha minn riskju akbar.

Il-kumpannija hadet il-mizuri kollha ragonevoli, bil-prudenza, sakemm fl-ahhar iddecidiet, b'sens ta' responsabbilta' li kien fl-ahjar interess ta' l-appellanta stess li ma tkompliex tahdem hemmhekk.

6. <u>KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL</u>

Gie stabbilit li l-appellanta damet impjegata mal-Kumpannija mill-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar sat-tmienja (8) ta' Lulju, 1986 cioe' ghal perjodu ta' erba' xhur u gimghatejn. Ghall-kuntrarju ma' gewx stabbiliti b'mod car il-granet meta l-appellanta kellha it-tieni u t-tielet allegati attakki ta' "asthma".

It-Tribunal ma setax jifhem kif il-kumpannija li allegat li l-appellanta kellha dawn l-attakki li wasslu biex l-istess appellanta tigi mehuda l-Isptar San Luqa b' ambulanza jew b'xi karozza privata u akkompanjata minn impjegati ohra ta' l-istess kumpannija, qatt ma zammet "records", li wiehed seta joqghod fuqhom, ta' dawn l-assenzi mill-fabbrika waqt il-hin tax-xoghol, assenzi li minhabba kif kien il-post tax-xoghol ta' l-istess fabbrika,

kif deskritt minn diversi xhieda, cioe' "sala kbira b' madwar hamsin (50) tfajla", setghu facilment jigu nnotati mill-"management"; u dan aktar u aktar meta, kif xehed Dione Sghendo.

> "Kull meta l-appellanta kien jaghtiha attakk ta' 'asthma' kien jinholoq chaos fil-'production area'" (12.5.88 p. 20).

Sar attentat biex jigu stabbiliti dawn id-dati meta il-Kumpannija ssottomettiet xi dati biex isir tiftix fir-"records" tal-"Casualty Department" ta' l-istess sptar b'ezitu negattiv; u minkejja l-isforzi tal-Kumpannija biex jintefa xi dubju fuq kemm wiehed jista' joqghod fuq dawn ir-"records" fis-sens li seta' kien hemm possibilta' li xi persuna tiddahhal fil-"Casualty Deapartment", tigi kkurata u ma tkun registrata mkien, dan l-isforz ma kellux ir-rizultat mixtieq.

It-Tribunal josserva li l-Kumpannija tat dati li kienu ovvjament hziena, wara x-xhieda ta' Louise Galea prodotta mill-istess Kumpannija.

It-tabib Dottor Joseph Spiteri, in rapprezentanza tas-Suprintendent ta' l-istess sptar xehed li

> "mill-kotba tal-"Casualty", hemm, ikun hemm in-nies kollha li ddahhlu matul il-gurnata, matul il-lejl, il-hinijiet kollha"(23.6.88 p. 2)

u fuq domanda jekk xi hadd li jittiehed fil-"Casualty" "distressed b'paniku u b'dawn l-affarjiet kollha" ghax ikun qieghed ibati minn attakk qawwi ta' "asthma" bhal kif speci il-Kumpannija riedet taghti wiehed x'jifhem kif kienet tkun l-appellanta waqt attakki simili, l-istess Dottor Spiteri wiegeb:

"Jekk fil-fatt kienet daqshekk hazin, bil-fors illi nkitbet xi haġa u kienet tkun registrata l-"Casualty";

ftit qabel xehed ukoll:

"....issa f'kaz illi anke dina setghet kienet 'discharged at request' jiġifieri ma reditx toqghod, ghamilnilha l-"first aid treatment" u ghal haġa jew ohra ma reditx toqghod l-isptar, anna naghmlu karta ta' 'discharged at request' illi dawn niffilejawhom u speċi ma tantx wiehed li jintilfu malajr" (23.6.88 p.p. 4-6)

Skond ix-xhieda ta' Louise Galea l-ewwel attakk li kellha l-appellanta kien fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju 1986 il-ġurnata li fiha it-tabib Dottor Peter Attard irrilaxxja ċ-certifikat li ġie esibit mill-Kumpannija u mmarkat Dok. Nru. 4.

L-istess Louise Galea fuq domanda jekk fid-drabi li akkumpanjat lill-appellanta l-isptar harguliex xi karta hi wieġbet:

"L-ewwel darba zgur ghaliex jiena zgur taf inti trid tiehu karta biex turi imbagnad kien kitbilna...."

u wara li ġiet murija l-istess ċertifikat, ikkonfermat li kienet qed tirriferixxi ghalih. (26.5.88 p. 5-6 u 12-13).

Dan jaqbel ma' dak li l-Kumpannija ssottomettiet fl-istatement of Case cioe! :-

"Wara xi xhur li bdiet tahdem mal-Kumpannija, Miss Borg kellha l-ewwel attakk ta' "asthma" waqt li kienet qeghda tahdem......kellha tissejjah l-ambulanza".

ghax meta wiehed juza l-kliem "xi xhur" x'aktarx li jkun irid ifisser "xahrejn jew aktar" bhal f'dan il-kaz. Dan l-ewwel attakk jidher deskritt fis-sottomissjonijiet finali

tal-Kumpannija taht "Incident Nru 1". Kif gia nghad l-appellanta bdiet tahdem mall-Kumpannija fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Frar 1986 u ghalhekk il-perjodu ta' tlett xhur "probation" skada fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju 1986 cioe' proprju l-ghada ta' l-imsemmi "l-ewwel attakk" u ghalhekk sa din il-gurnata il-Kumpannija kienet fil-liberta' anzi kellha dritt li tittermina l-impieg ta' l-appellanta minghajr ma tinkorri f'ebda obligu lejn l-appellanta oltre l-hlas tal-paga ghall-granet li kienet hadmet u li ghalihom ma kenitx thallset sa dak in-nhar. Ir-riskji kollha li ssemmew mill-Kumpannija u li fuqhom saret certa emfasi l-istess Kumpannija setghet evitathom billi segwiet dak li hemm . . . estratt mill-publikazzjoni "Chest" li ghalih ghamlet riferenza fis-Sottomissjonijiet Finali, cioe':

> ".....the earlier the diagnosis is made and the earlier the patient was removed from exposure, the higher was the chance of complete recovery".

Ghall-Kuntrarju il-Kumpannija ddecidiet li thalli lill-appellanta fuq ix-xoghol taghha anke wara li ntemm l-imsemmi perjodu ta' "probation" u b'hekk inholqu certi obligi, drittijiet u doveri bejn il-Kumpannija u l-appellanta. Jista' jkun li l-Kumpannija ghamlet hekk ghax, kif issottomettiet fl-"iStatement of Case""kellha u ghad ghandha bzonn ta' "Sewing Machine Operators" u ghalhekk taghmel kull ma tista biex izzomm l-"operators" maghha" u ghall-mument forsi nsiet dak li issottomettiet ukoll: "Dan pero''mhux a skapitu ta' sahhet l-impjegata."

Fuq domanda tat-Tribunal dwar l-imsemmi certifikat li, kif gia nghad gie rilaxxjat meta l-appellanta kienet

għadha ma temmitx il-perjodu ta' "probation" u għalhekk kien fil-liberta' kollha, mingħajr ebda ksur ta' liġi, jgħid lill-appellanta biex minn l-għada ma tmurx għax-xogħol, is-Sur Joseph Ellul, il-propretarju tal-Kumpannija wieġeb:

> "stajt niehu ċ-'chance'"

u fuq domanda oħra tat-Tribunal jekk kienx jaf meta kien ra l-istess ċertifikat, wieġeb:

> "stajt niehu c-'chance', imma jiena allavolja 'three months' probation' nibqa'......" (7.4.88 p. 17)

Is-Sur Ellul deherlu li kellu jieħu ċ-'chance' u għalhekk assuma r-responsabbilta' u l-obligi li gia semmew.

Wara dan l-ewwel inċident, il-Kumpannija allegat li kien hemm żewġ inċidenti oħra qabel "l-aħħar inċident li pprecipita d-deċizjoni ta' l-istess Kumpannija" biex tittermina l-impieg ta' l-appellanta b'effett mit-tmienja (8) ta' Lulju 1986.

F'dawn iż-żewġ inċidenti li huma deskritti bħala Inċident Nru. 2 u Nru. 3 fis-sottomissjonijiet finali tal-Kumpannija l-appellanta ttieħdet l-Isptar San Luqa, akkumpanjata minn impjegati oħra tal-Kumpannija u fl-ebda wahda minn dawn iż-żewġ okkazjonijiet ma ntalbet "xi karta" jew "xi certifikat" biex jiġu stabiliti meta kienu dawn iż-żewġ "inċidenti" u biex tiġi ġustifikata l-assenza temporanja ta' l-istess impjegati mill-fabbrika; fost dawn l-impjegati, fiż-żewġ okkazjonijiet kien hemm l-imsemmija Louise Galea.

Skond l-istess Louise Galea, it-tieni minn dawn iż-żewġ attakki ta' "asthma" li kellha l-appellanta, jew l-

Inċident Nru. 3 ġara "xi tlett ġimgħat qabel l-aħħar attakk u dan fuakritu għax lit-tfajla li kienet marret ma' l-appellanta fl-aħħar attakk fakritha biex lil minn jeżaminaha l-Isptar tgħidlu li lill-appellanta kienu haduha tlett gimgħat qabel" (26.5.88 p.p. 8-9).

Wara ebda wieħed minn dawn iz-zewġ attakki, l-Kumpannija ma hadet ebda pass f'ebda direzzjoni bħal, per ezempju, lill-appellanta tipprova ssibilha impieg f'fabbrika oħra.

Ir-raba' u l-aħħar inċident ġara fit-tmienja (8) ta' Lulju 1986 u l-Kumpannija, fis-sottomissjonijiet finali ddeskrivietu hekk:-

> "Ġara filgħodu kmieni u kien hemm fuq il-post tax-xogħol is-Sur Joe Ellul (7.4.88 p. 5), Tony Muscat kien prezenti ukoll (19.5.88 p. 13). John Muscat mar ifittex l-ossigenu (19.5.88 p. 21) u Louise Galea kienet ogħgħda tassistiha waqt l-attakk sakemm ġiet l-ambulanza." (26.5.88 p. 5).

Fuq dan l-incident is-Sur Joseph Ellul il-propretarju xehed:

> "Irnexxielna wara xi nofs siegħa tiġi l-ambulanza... poġġewha ġo l-ambulanza u haduha. Wara xi ħin, jekk niftakar sew, sagħtejn jew tlett siegħat, nerġa nara din Ċtilia Borg il-fabbrika. Jiena mwerwer għidt miraklu, ma nafx x'ġara, erġajt rajtha fil-fabbrika". (7.4.88 p. 6)

u wara ttelefona lil-ġenituri ta' l-appellanta u qalilhom:

> ".....t-tifla ma tistax tkompli minċabba tidher li ma tiflahx" (7.4.88 p. 9).

u r-reazzjoni, b'mod partikolari ta' ommha għaliex l-omm dejjem omm, kienet "naturali" u mhux "emozzjonali" kif trid tpingiha l-Kumpanija fis-sottomissjonijiet finali tagħha.

Is-Sur Ellul iddecieda li jittermina l-impieg ta' l-appellanta mhux wara li ha xi parir mediku izda "Bli ra b'ghajnejh" u kompla:

> "Jekk fil-kaz hemm xi tabib jogghod floki jiena ma niflahx ghal dawn l-affarijiet" (7.4.88 p. 9).

Oltre t-tabib Dottor Joseph Spiteri xehdu ukoll it-tobba Dottor Peter Fenech, Dottor Michelangelo Borg u Dottor Peter Attard.

Il-parti l-kbira tax-xhieda tat-tabib Dottor Fenech hi teorija; ghal xi zmien kien tabib tal-Kumpannija u bhala tali gie li ezamina lill-appellanta d-dar taghha ghal dak li hemm fic-certifikati rilaxxjati minnu dak iz-zmien - certifikati li ma gewx esibiti - u fuq il-kaz ma jafx x'gara (12.5.88 p.p. 1-8).

It-tabib Dottor Borg li fil-hamsa (5) ta' Awissu 1986 irrilaxxja ċ-ċertifikat li gie esibit u markat Dok. Nru.5 spjega l-kontenut ta' l-istess ċertifikat b'dan il-mod:-

> "Hi kienet qeghda tbati minn 'blockage' ta' mnieherha, 'blockage' mhux komplet ovvjament u li hi kondizzjoni passabbli, igifieri temporanja. Issa hi kienet qaltli li fuq dan l-ilment kienet tbati minnu qisu xi darbtejn fix-xahar u ma kenitx tiehu 'sick leave' ghalih anqas u li fl-opinjoni tieghi dina kienet tajba ghal xoghol ghal fabbrika. Dan li jghid ic-ċertifikat, is-sustanza, kapaċi tahdem fi kwalunkwe fabbrika igifieri ma kienx ifixkilha dan l-ilment" (12.5.88 p.p. 11-12)

u dwar l-insemmi estratt mill-artiklu pubblikat fic-"Chest" l-istess tabib xehed:

> "dawn ikunu artikli mahrugin minn per ezempju minn ..... biex insemmi tieghek minn dak iċ-ċertu tabib sewwa, issa tista' ggib artikli ohra fejn dawn, dan it-tabib ma jaqblux igifieri lil min ser temmen. Imbaghad biex ngnid hekk il-konkluzzjoni tieghi trid taqra hafna artikli imbaghad tigbed il-konkluzzjoni, mhux tikkwota wiehed, dan jista' jkun 'biased'" (12.5.88 p. 14).

It-tabib Dottor Attard, wara li kkonferma li l-imsemmi certifikat Dok. Nru. 3 kien gie rilaxxjat minnu fid-data li tidher fuq l-istess certifikat, cioe' tnejn u ghoxrin (22) ta' Mejju 1986, spjega:

> "Well bhamhekk jiena ghidt li kienet ammessa u ttrattata, nistenna li fil-'Casualty Department', ghall-attakk hafif ta' affann....(19.5.88 p.p. 1-2).

U fuq domanda "U meta tghid 'between 10.00 a.m. and 12.00 mid-day' igifieri daqshekk damet l-Isptar?" hu wiegeb:

> "Nassumi illi dahlet il-Casualty at 10.00 a.m. u at twelve kienet lesta" (19.5.88 p. 3)

Fuq dan l-ahhar punt skond l-imsemmi tabib Dottor Spiteri, id-dewmien ta' saghtejn fil-"Casualty Department" "huwa normali" (23.6.88 p. 5).

Lill-istess tabib Dottor Attard saru lu numru ta' domandi li jistghu jitqiesu "teorija", u ghad domanda "X'tip ta' 'asthma' jkollha persuna li minkejja li tuza l-'inhaler' kellha bzonn tittiehed l-Isptar erba' darbiet f'temp ta' xahrejn for "severe reasons" hu wiegeb hekk:-

> "Ifhimni jiena ma inhix sejjer noqghod nikkomprometti ruhi fuq degree ta' 'severe' .....jekk trid tkun ezatt trid tiehu l-A.E.F. files kemm taghha normally sewwa meta ma ghandix affann kemm meta jkollha l-affann. Qieghed tistaqsini domanda li ma hijiex, ma nistax nghatihilek 'at hand in a professional way but nor from experience.....qed tifhem id-differenza hija kbira; I mean jekk vera trid taqbad fuq is-severita' you have to have those.....inkella m'ghandek xejn" (19.5.88 p.p. 6-7)

Dak il-punt li l-Kumpannija fis-sottomissjonijiet finali qisitu bhala "stramb" cioe' il-fatt li l-appellanta ma marritx tirregistra biex tiehu l-"unemployment benefit"

li kieku kienet tkun intitolata, ghat-Tribunal hu ghal kollox irrelevanti u m'ghandu lanqas l-icken effett fuq l-eżitu ta' din il-kwistjoni tax-Xoghol. Ma gie b'ebda mod pruvat li l-Kumpannija li, minn mindu l-appellanta kellha l-ewwel attakk ta' "asthma" sa qabel ma tterminatilha l-impieg - u dan il-pass il-Kumpannija ikkunsidratu fl-ahjar interess ta' l-istess appellanta - hadet xi pariri mediku jew li kkonsultat lil'Occupational Health Unit tad-Dipartiment tas-Sahha jew id-Dipartiment tax-Xoghol, li setghu jitqiesu dawk "il-misuri raġonevoli" li l-Kumpannija ghamlet riferenza ghalihom fis-Sottomissjonijiet Finali. Lanqas ippruvat issibilha, lill-appellanta, impieg iehor f'xi fabbrika jew x'imkien iehor, haġa li kienet tkun wisq aktar faċli ghall-istess Kumpannija, minhabba l-kuntatti li kellha, milli ghall-istess appellanta.

7. AWARD

In vista tal-premess it-Tribunal jiddeċiedi li t-temm ta' l-impieg li l-appellanta kellha mal-Kumpannija minhabba li dehret "li ma tiflahx" saret bil-ghaġla u l-Kumpannija setghet sabet soluzzjoni ohra li tkun aktar ġusta u li anqas tweġġa' u mhux tirrikorri ghad-deċizjoni l-aktar drastika u qawwija, bhalma hi dik ta' t-temm ta' l-impieg.

Ghalhekk, it-Tribunal, wara li kkunsidra ċ-ċirkustanzi kollha ta' din il-kwistjoni tax-Xoghol jordna lill-Kumpannija biex thallas lil Otilia Borg, l-appellanta, is-somma ta' mija u sittin liri maltin (Lm 160) bhala kumpens; dan il-hlas ghandu jsir mhux aktar tard mis-sitta u ghoxrin (26) ta' dan ix-xahar.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti ta' l-1986 dwar Drittijiet li Jithallsu (A.L. 48 ta' l-1986) maghmula taht l-Att ta' l-1976 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Att XXX ta' l-1976) it-Tribunal qed jintaxxa, ghal kull wiehed miż-żewġ persuni li dehru ghaż-żewġ partijiet, id-drittijiet fis-somma ta' erbghin liri maltin (Lm 40).

B'hekk dan it-Tribunal itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

ANTHONY FARRUGIA
CHAIRMAN.

ALDO TESTONE
SEGRETARJU.

/av